# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 337/2015**

Il-Pulizija

vs

**Sarah Ann Gatt**

Bint Jean Pierre Gatt, imwielda Pieta', fl-1 ta' Ottubru, 1980, detentriċi tal-karta ta' l-identita' numru 463780(M)

Illum 9 ta' Ottubru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanta Sarah Ann Gatt quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli f' Jannar u Frar tas-sena 2009:

1. b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlet użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq ieħor, ingann, jew billi wriet ħaġa b'oħra sabiex iggiegħel titwemmen l-ezistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar ġrajja kimerika, għamlet qligħ ta' aktar minn elfejn tliet mija u disa' u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmi (E2329.37), għad-dannu ta' Andrew Fleri Soler

detentur tal-karta ta' l-identita' numru 28068 M ai termini tal-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Approprjat ruħha billi dawret bi profitt għaliha jew għall-persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkonsenjata lilha taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat għad-detriment ta' Andrew Fleri Soler detentur tal-karta tal-identita' 28068M ai termini tal-Artikolu 293 u 294 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputata sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-17 ta' Ġunju, 2015 fejn il-Qorti ma sabitx l-imputata ħatja tal-ewwel akkuża iżda sabitha ħatja tat-tieni. Rat l-Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 u kkundannatha sena priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 ssospendithom għal sena mill-lum ħlief jekk matul dan il-perjodu ta' sena hija tikkommetti reat ieħor soġġett għall-priġunerija. Applikat wkoll kontra l-imputata l-Artikolu 28H taċ-ċitat Kapitolu li tħallas lill-kwerelant fiż-żmien li ma jiskorrix sitt xhur mill-lum l-ammont ta' erba t'elef euro.

Rat ir-rikors tal-appellanti Sarah Ann Gatt minnha ppreżentat fl-24 ta' Ġunju, 2015 fejn talbet lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza fuq indikati tal-17 ta' Ġunju 2015 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura billi tikkonferma mhux ħatja ta' l-ewwel akkuża u tilliberaha mit-tieni akkuża

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ppermnetthiex lill-appellanta sabiex tressaq il-provi tagħha u l-anqas ma jsir trattazzjoni mill-avukat difensur. B'hekk il-Qorti ma kellhiex l-opportunita' sabiex tisma' u tara l-provi li hi stess qalet li kienu nieqsa. L-appellant kienet dehret il-Qorti bit-tir li tippreżenta l-provi

tagħha, iżda minflokk inqrat is-sentenza, fejn instabwet ħatja. B'hekk is-sentenza ingħatat b'mod intempestiv;

Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost l-appellant tirreleva li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma għamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirriżultaw mill-provi prodotti. Jidher ċar li l-appellanta kienet involuta fi negozju fi xiri u bejgħ ta' merkanzija ta' oġġetti ta' elettronika. Andrew Fleri Soler kien aċċetta li jidħol f'dan in-negozju u aċċetta li jinvesti €4,000. B'hekk ħa riskju kummerċjali. Ġie ppruvat li l-merkanzija inxtara u inbiegħ, iżda ġara li lil min inbiegħ il-merkanzija ma ħallasx għalih. B'hekk ma kienitx f'pozizzjoni li tirrifondi l-flus investiti minn Fleri Soler u l-profitt. Dan huwa parti mir-riskju kummerċjali u aċċettat fid-dinja ta' kummerċ, li tbiegħ xi prodott u ma titħallasx għalih. Minflokk Fleri Soleri ħa azzjoni kontra dawn it-terzi persuni, kien aktar komdu li jattakka l-appellanta. L-appellanta tirreleva li ma kienx ipprovat l-aħħar element ta' appropjazzjoni indebita billi ma kienx ipprovat li l-flus li kien ta Fleri Soleri intużat għal xi profit għaliha. Ma kienetx ipprovata li hi użat dawn il-flus għaliha jew għal terzi.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezament dwar il-provi magħmul mill-ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha.

'Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fi-lkonkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet ghaliha,

allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi: Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deċiża fl-14 ta' Frar, 1989; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deċiża fil-31 ta' Mejju, 1991; Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deċiża fit-12 ta' Mejju, 1994; 6 Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deċizż fis-6 ta' Ġunju, 1994; Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deċiża fit-28 ta' April, 1995; Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deċiża fit-3 ta' Novembru, 1995; u Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef fit-18 ta' Marzu, 2010; kollha appelli kriminali.' (Ara Appell Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v Vincent Abela tal-24 ta' Mejju 2016).

Illi dan l-appell huwa dwar il-fatt li l-appellanta ma ngħatatx iċ-ċans li tressaq il-provi tagħha u ssir it-trattazzjoni mill-avukat difensur tagħha u li l-Ewwel Qorti ma għamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti

Din il-Qorti ser teżamina x-xhieda qabel ma tgħaddi għall-aggravji mressqa mill-appellanta.

**Xhieda**

L-Uffiċjal Prosekutur l-ispettur Maurice Curmi xehed li kien rċieva ittra mingħand l-avukat tal-parti ċivile Andrew Fleri Soler, fejn infurmah li Sara Ann Gatt kienet avviċinatu u ħajjritu jimpurataw notebooks. Dan ta 4,000 Ewro u qaltlu li fi żmien qasir kellhom jaslu u kien ħa jagħmel il-qliegħ sew minnhom, Madankollu , meta ra li ma tatu xejn lura beda jiġri warajha u hi qaltlu li dawk il-flus kienet użathom biex tħallas affarijiet personali tagħha u ma kienitx ordnat il-laptops kif stabblilit. Verżjoni li hija kompletament qalbet meta kellimha l-Uffiċjal Prosekutur għax qaltlu li hija kienet ordnathom il- laptops u kienet diġa għaddiethom lil ħanut Technoworld u ħallasha b'ċekk u kienet leħqet ddepożitathom il-bank tal-HSBC iżda peress li kienet għaddejja minn separazzjoni kellha ffirżar u ma setgħetx tħallsu. Għal din ir-raġuni ma ħallsitx lil Fleri Soler. Madankollu meta l-uffiċjal Prosekutur kellem lil sid il-ħanut, dan tal-aħħar qallu li ma jafhiex u qatt ma għamel negozju magħha.

Fix-xhieda tiegħu l-parti ċivile Andrew Fleri Soler preżenta skrittura a fol 35 tal-proċess li tiddeskrivi l-ammont ta' 8,000 Ewro li kellha tgħaddilu Sarah Ann Gatt una volta li tbiegħ il-

laptops. Huwa jispjega li l-ammont ta' Laptops kellu jkun ta' xi erbgħajn u kellhom jaslu mill-Italja huwa ma kienx jaf ħafna dettalji għax meta kien isaqsiha hija kienet tgħidlu li mhux qed jafdha allura ma saqsihiex iktar. X'ħin induna li mhux ser tħallsu lura l-flus u l-anqas l-ammont li kienu ftehmu fuqhom huwa beda jiġri warajha u hi infurmatu li kienet nefqet dawk l-4,000 Ewro fuq affarijiet personali tagħha.

Il-Prosekuzzjoni resqet bħala xhud lis-sid tal-ħanut Technoworld is-sur Rodney Testa fejn fix-xhieda tiegħu għal kuntrarju għal dak li kienet qalet lil ispettur l-appellanta huwa jikkonferma li l-appellanta ma jafhiex u qatt ma għamel negożju magħha pero' ġieli nnutha tħares lejn il-ħanut għax huwa viċin l-iskola tat-tfal tagħha. Inoltre, li qatt ma għamel negozju ma' xi ħadd Chris Mifsud.

Meta xehdet l-appellanta Sarah Ann Gatt hija qalet li '*Konna qed nippreparaw biex niftħu ħanut mar-raġel tal-appliances u televisions u hekk ftaħna dan in-negozju.Imbgħad kont tlabt lil Andrew biex nixtri ċertu affarijiet li tlabtu xi flus u xtrajt dawn il-laptops u minn ġie jiġborhom ma ħallasnix lura u ma stajts inħallas lil Andrew Fleri Soler.*'( Fol 80) Meta mistoqsija kemm xtrat laptops hija tgħid xi tnax (12) u li kien jiġborhom ċertu Alessio mill-ħanut u baqa' ma ħallashomx.

Wieħed jinnota diskrepanza kbira bejn l-ammont li mingħalih ser tordna l-appellanta l-parti ċivile u kemm effettivament qalet li ordnat.

**Aggravji**

Illi l-**ewwel aggravju** mressaq mill-appellanta jirrigwarda l-fatt li l-Ewwel Qorti ma tatx lil appellanta ċ-ċans li tressaq il-provi tagħha u li l-avukat difensur jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet jew jagħmel trattazzjoni viva voce.

Wara li xehdet l-appelllanta fis-seduta tal-1 t'April , 2014 quddiem l-Ewwel Qorti, l-kawża ġiet differita għas-sentenza. Ma hemmx indikazzjoni li d-difiża għalqet il-provi u li l-partijiet trattaw il-każ.

Fis-seduta tal-15 t'Ottubru, 2014 il-każ ġie differit għas-sentenza u ma kinitx dehret l-imputata.

Fis-seduta tad-29 t'Ottubru, 2014 skont il-verbal **kien hemm trattazzjoni** u d-difiża talbet għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza. Din ma tagħmilx sens għad-difiża għax hija ċerta li ma talbitiex u li trattazzjoni ma saritx.

Fis-seduta tas-17 ta' Ġunju, 2015 ingħatat s-sentenza meta skont l-appellanta hija xtaqet tressaq il-provi tagħha.

Dan mhux qed jiġi milqugħ għax kif huwa preżunt li dak li hemm miktub fil-verbali huwa dak li ġara fis-seduta. L-appellanta qed tikkontendi li ma kienx hemm trattazzjoni iżda fil-verbal hemm imniżżel li din saret. In oltre, ma ġabet ebda prova li din ma saritx billi talbet li jitla' r-reġistratur jew l-uffiċjal prosekutur biex jikkonferma kontra dak li hemm imniżżel. In oltre, l- Ewwel Qorti kellha biżżejjed elementi biex tgħaddi għas-sentenza għax il-Prosekuzzjoni resqet provi li juru biċ-ċar l-aġir tal-appellanta.

Illi fit-**tieni aggravju** l-appellanta tilmenta li l-Ewwel Qorti ma għamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti u targumenta li '*ġie ppruvat li l-merkanzija inxtara u inbiegħ, iżda ġara li lil min inbiegħ il-merkanzija ma ħallasx għalih. B'hekk ma kienitx f'pozizzjoni li ttirrifondi l-flus investiti minn Fleri Soler u l-profitt.'*

Illi l-appellanta nstabet ħatja tat-tieni akkuża li tirrigwarda l-artikolu 293 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant ser jiġi eżaminat:

L- Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jittratta r-reat ta' misapproprjazzjoni u cioé meta persuna żżomm ħwejjeġ li tkun żammet għal ħaddieħor u minflok ma troddhom lura żżommhom għaliha. L-elementi tar-reat ta' approprjazzjoni indebita ser jiġu eżaminati b'referenza għal ġurisprudenza nostrana.

Fil-każ fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni et deċiża fid-9 ta' Ġunju 1998** l-Qorti elenkat l-elementi essenzjali li jsawwru dana ir-reat u cioe';

"*Dana r-reat iseħħ meta wieħed :*

*(1) jirċievi flus jew xi ħaġa oħra mingħand xi ħadd;*
*(2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel użu minnhom b'mod speċifiku;*
*(3) u minflok ma jagħmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddieħor".*

*Illi għalhekk l-awtur ta' dana r-reat irid ikollu l-intenzjoni speċifika illi l-oġġett li jiġi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi għal għan speċifiku, jiġi imdawwar minnu daqs li kieku huwa l-proprjetarju u jagħmel użu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt għalih jew għal ħaddieħor.*

Illi kif jispjega l-Awtur Francesco Antolisei:
"*La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio" (Manuale di Diritto Penale, Giuffré (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dr. Siegfried Borg Cole deċiża fit-23 ta' Dicembru, 2003**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"[...F]il-kaz ta' flus li jkunu qed jinżammu minn xi ħadd biex dawn eventwalment jiġu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni tagħhom tista' tammonta għal approprjazzjoni indebita [...]. Kif jispjega Luigi Majno: Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita é necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprietà, a scopo d'indebito profitto per sè o per un terzo, il dolo sarà costituito dalla volontarietà della conversione con scienza della sua illegittimità, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa*

*ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrerà in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo…Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita è (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perché non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza é costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dole".*

Illi fil-każ in eżami jirriżulta li l-appellanta ġiet mogħtija s-somma ta' erbat elef Ewro (€4,000) minn għand il-parti ċivile sabiex tkun tista' tixtri l-laptops u li minkejja li ġew mgħoddija dawn il-flus din ma orndathomx anzi użathom għal skopijiet oħra.

Għal kuntrarju għal dak li qed tilmenta l-appellanta fit-tieni aggravju, ma ġie ppruvat b'ebda mod li l-merkanzija nxtrat. Ma tirriżulta ebda rċevuta, bank statement, kopja ta' ċekk  jew xhud li jiddikjara li dawn il-laptops qatt eżistew. Anzi jirriżultaw verżjonijiet differenti tal-appellanta tal-akkadut u li qatt ma ġew effetivament iddepożitati.

Ili mill-provi jirriżulta li hija kienet qalet lil Andrew Fleri Soler li l-erbat elef li talbitu kienet ser tirdoppjhom kif jidher mid-dokument li hemm preżentat fl-atti u li hija ffirmat anke kif ser tħallsu l-ammonti dovuti.

Fl-istqarrija hija kienet qalet li kien ħalllasha tal-ħanut Technoworld u kienet iddepożitat iċ-ċekk f'kont bankarju li kellha mal-HSBC iżda meta xehdet ir-rappreżentanta tal-HSBC u preżentat l-istatements li kienu jkopru minn Jannar 2009 sa Jannar 2011, **<u>tali depożitu ma rriżulta mkien</u>**.

L-appellanta tant tagħti verżjonijiet tal-fatti, bejn ix-xhieda tagħha u l-istqarrija li wieħed jista' jkkonkludi biss li ma tafx kif ser tigdeb iktar biex tara kif ser tiġbor is-sitwazzjoni li daħlet fiha. F'okkażjoni tgħid li għaddiet ix-xogħol lil ta' Technoworld u kien ħallasha b'ċekk li ddepożitat il-Bank imma ġie ffriżat minħabba s-separazzjoni u f'ħin ieħor tgħid li l-laptops kien ġabarhom ċertu Alessio iżda baqa' ma ħallashiex tagħhom.

Sid il-ħanut Technoworld jikkonferma li qas biss jafha u qatt ma għamel negozju magħha. Għalhekk fix-xhieda tagħha , tagħmel referenza għal xi ħadd li jismu Alessio li ġabar il-laptops. Għal darb'oħra persuna li qatt ma ntalbet titla' bħala xhud mid-difiża.

Din il-Qorti tinsab konvinta li l-appellanta ivvintat isem ieħor għax sid il-ħanut li kienet semmiet xehed li qatt ma għamel negożju magħha. Inoltre, jekk wieħed jaqra bir-reqqa ix-xhieda tagħha, jirriżulta li fl-ebda mument ma tgħid li hija ġriet wara din il-persuna Alessio (jekk teżisti) għal flus.

Ili din il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti għax hemm elementi ċari li l-appellanta żammet il-flus għaliha u mhux għamlet in-neġozju mifthema mal-parti ċivile. Fix-xhieda tagħha, tagħmel referenza għal dokumenti, iżda dawn qatt ma ppreżentathom, il-Qorti saħansitra kienet tatha ċ-ċans li tippreżenthom u jkun hemm visto tal-Prosekuzzjoni. Iżda dawn ma ġew preżentati qatt. Hi tagħmel referenza li qegħdin għand l-*accountant* pero' qatt ma titlob li jitħarrek bħala xhud. Dan l-atteġiament jwassal biss biex wieħed jikkonkludi li dawn id-dokumenti qatt ma eżistew.

L-appellanta kellha ċans tirrimedja għas-sitwazzjoni għax il-flus kienet ħadithom mingħand Fleri Soler fit-2009 u meta xehdet quddiem l-Ewwel Qorti fl-2014 kienet għadda ma ħallset xejn lura minnhom.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-appell ta' Sarah Ann Gatt u tikkonferma s-sentenza appellata.